**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu 2024**

**Kawża Numru: 11**
**Rikors Guramentat Numru:- 778/2019JVC**

**Stephen Tonna (ID 273382M)**

**vs**

**Carmelo Vella (ID 821152M) u Anna Vella (ID 790255M) ghal kull interess li ghandha jew jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti Stephen Tonna premetta u talab kif isegwi:

1. ‘Illi r-rikorrent huwa sid ta’ porzjon art diviża formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala ‘r-Roqgħa ta’ Rirhieb’ jew ‘Ta’ Wiċċha’ fil-Magħtab, limiti tal-Għargħur, tal-kejl superfiċjali ta’ 1202.753$m^2$, liema art hija aċċessibbli kemm bir-riġel u kif ukoll bil-vettura minn passaġġ komuni li minnu jsir l-aċċess kemm għall-propjetà tar-rikorrent hawn fuq imsemmija u kif ukoll għal prozjoni art adjaċenti, propjetà tal-intimati (vide l-anness Dok A).

2. Illi l-intimati, wara l-ħmistax (15) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), personalment jew tramite terzi, b’mod għal kollox abbużiv u illegali ħattew u bnew mill-ġdid ċint li jinsab fil-ġenb ta’ tali passaġġ, b’tali mod illi l-passaġġ imsemmi effettivament sar iżjed dejjaq.

3. Illi b’konsegwenza t’hekk, ir-rikorrent m’għadux jista’ jaċċessa l-porzjoni ta’ art tiegħu bil-vettura kif dejjem għamel qabel ma sar tali att abbużiv mill-intimat.

4. Illi għalhekk ir-rikorrent ġie illegalment spoljat mill-pussess u / jew detenzjoni tal-passaġġ in kwistjoni u tad-dritt ta’ aċċess għall-porzjon art tiegħu.

5. Illi r-rikorrent interpella lill-intimat sabiex ireġġa’ lura ċ-ċint fl-istat li kien qabel, anke permezz ta’ ittra legali (vide l-anness Dok B), iżda dan baqa’ inadempjenti.

6. Illi għalhekk l-aġir tal-intimati jagħti lok sabiex ir-rikorrent jeżerċita l-azzjoni ta’ spoll privileġġjat sabiex l-imsemmi passaġġ u dritt ta’ aċċess, kemm bir-riġel u kif ukoll bil-vettura, jiġi mqiegħed mill-intimati fl-istat pristinu tiegħu.

Jgħidu għalhekk l-intimati għalfejn din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Previja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi meta wara l-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-intimati ħattew u bnew mill-ġdid iċ-ċint fil-passaġġ suddett, ikkommettew spoll fil-konfront tar-rikorrent;

2. Tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju okkorrendo taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi, iqegħedu l-passaġġ suddett għall-istat pristinu tiegħu, b'tali mod li r-rikorrent ikun jista' jaċċedi għall-għalqa tiegħu fuq isemmija kemm bir-riġel u kif ukoll bil-vettura;

3. U fin-nuqqas li l-intimati jagħmlu dak lilhom ordnat fiż-żmien li jiġi prefiss għalhekk minn din l-Onorabbli Qorti, tawtorizza lir-rikorrent sabiex a spejjeż tal-istess intimati jagħmel hu dak kollu li huwa neċessarju taħt is-superviżjoni tal-istess periti u dan għall-fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta tal-intimati Vella li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament u fl-ewwel lok il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-Artikolu 535(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta[1], kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

[1] <u>Georgina Borg v. Errol Cassar et</u> (21.10.2022) il-Prim'Awla (Imh. Philip Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk: .....*it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. (Sottolinejar tal-Qorti) Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'. (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri,* Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992)"

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.'

Rat ix-xhieda, affidavits, kuntratti, ritratti, permessi, rapporti, kontro-ezamijiet u provi kollha fl-atti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2021 liema trattazzjoni giet irrekordjata u rat li fl-istess verbal il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kawza ta' allegat spoll, vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrent Stephen Tonna jsostni li f'passagg li minnu ghandu dritt jghaddi bir-rigel u bl-ingenji sabiex jaccedi ghal gewwa ghalqa proprjeta' tieghu, l-intimat ressaq cint li kien ezistenti aktar lejn nofs l-isqaq b'dana li m'ghadux jista'jidhol ghall-ghalqa tieghu mill-isqaq permezz tal-ingenji. Ir-rikorrent isostni li dawn ix-xoghlijiet saru wara l-15 ta' Gunju, 2019 mill-intimat, minghajr il-kunsens tieghu w'ghalhekk jitlob li din il-Qorti tordna lill-intimat jirripristina l-*istatus quo ante*.

Illi l-intimat principalment jeccepixxi li r-rikors tar-rikorrent ma jistax jirnexxi stante li ma sarx entro t-terminu tal-*infra bimestre deduxisse* kif timponi l-ligi fl-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ulterjorment jeccepixxi li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Provi:**

Il-Qorti, rat il-kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-art imsemmija fir-rikors guramentat f'isem ir-rikorrent fl-atti tan-Nutar Dotttor Patrick Critien datat 11 ta' Marzu, 2008 a fol. 5 et seq tal-process u wkoll a fol. 50 et seq tal-process. F'dan il-kuntratt jigi ndikat kif isegwi:

'u nofsinhar ma' passagg komuni bejn din l-art u l-art ta' ma gembha proprieta' tal-istess vendituri, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u bil-pussess vakanti.

Il-vendituri qeghdin ukoll permezz ta' dan il-kuntratt jikkostitwixxu favur il-kompratur, li jaccetta u jakkwista servitu' ta' passagg bir-rigel u b'ingenji in perpetwu minn fuq parti ta' l-art murija delineata bil-blue fuq il-pjanta, li taghti access sija ghall-art trasferita b'dan l-att u sija ghall-porzjoni l-ohra proprieta' tal-vendituri, liema passagg fiha kejl ta' madwar disgha u ghoxrin punt wiehed disgha metri kwadri(29.19,2) . . .' (fol. 5/6)

Rat il-pjanta msemmija a fol. 53 tal-process li turi l-art akkwistata kif ukoll il-passagg imsemmi fil-kuntratt b'diversi distanzi ndikati fuq l-istess tul il-passagg.

Rat l-ittra interpellatorja mibghuta mir-rikorrent lill-intimat Carmelo Vella datata 23 ta' Lulju, 2019 liema ittra fil-parti rilevanti ghall-allegat spoll odjern taqra kif isegwi:

'. . qed tigi interpellat sabiex b'mod immedjat u fi kwalsiasi kaz entro jumejn mid-data ta' din l-ittra, inti tregga' lura c-cint li jinsab fl-imsemmi passagg ghall-istat li kien qabel, u dan wara illi inti hattejt parti mic-cint imsemmi u tellajtu b'mod li bih rendejt l-istess passagg idjaq.'

Rat l-**affidavit tar-rikorrent Stephen Tonna a fol. 30 et seq** tal-process. Huwa jispjega kif akkwista l-art li tinsab fil-Maghtab u kemm hu mportanti ghaliex li din l-art tkun accessibbli kemm bir-rigel kif ukoll bl-ingenji stante li huwa jdahhal l-ingenji fl-istess art u kien ghalhekk li fil-kuntratt gie kostitwit servitu ta′ passagg bir-rigel u bl-ingenji. Jghid li mal-intimat Carmelo Vella kellu diversi disgwiti kemm fuq din l-art kif ukoll fuq affarijiet ohra. Izid li dejjem kellu l-facilitia′ li jaccessa l-art tieghu bl-ingenji, u fil-fatt kien juza l-vettura tieghu tat-tip Toyota Starlet sabiex jidhol fuq l-art. Dwar l-allegat spoll jixhed kif isegwi:

‘7. Sal-15 ta' Gunju 2019 nikkonferma illi dhalt bil-mixi fil-passagg u dan sabiex nara kif kien baqa' l-istess passagg minhabba li Vella kien qed jaghmel fih. Dan ix-xoghol kien qed jaghmlu peress illi ghamel substation u kellu bzonn jghaddi cable mill-istess passagg u ghalhekk kellu jhaffer trinka fih. It-trinka kienet imwittija, u jien stajt nidhol u naf li c-cint li hemm fit-tarf qabel ma' thalli l-passagg u tikser ghal go l-ghalqa kien ghadu kif kien qabel. Sussegwentment, xi zmien wara, jiena ppruvajt nidhol fl-art tieghi bil-vettura li semmejt, izda dan ma stajt naghmlu ghax Carmelo Vella ghamel xi tibdil fl-istrutturi li hemm fil-passagg. Dan it-tibdil jikonsisti f' cint baxx li gie mimli bil-hamrija u fih hawwel xi pal tal-bajtar. Ic-cint kif kien originali kien jippermetti li jien nidhol bl-ingenji u bil-vettura, izda Vella hatt ic-cint l-antik u qala' c-cint 'il barra minn mal-hajt - u hekk wessa' l-hawt ta' wara c-cint - biex dejjaq il-passagg. Peress li fejn hareg bic-cint hemm kisra, ma nistax indur bl-ingenji u l-vettura. Meta ppruvat nghaddi, kif dejjem ghamilt qabel dakinhar, sibt li bil-bdil li ghamel, l-excavator ma setghetx tikkwartja u kaxkart genb jien u nipprova nidhol. B'konsegwenza ta' hekk anke xi gebel li bihom bena' c-cint baxx waqa'.

8. Ftit wara Carmelo Vella jidher li mar jaghmel rapport mal-Pulizija, u dan nafu peress illi kont gejt mitkellem mill-Pulizija. Mhux hekk biss, izda Vella imbaghad kiteb mal-hajt tal-passagg,

b'zebgha hamra il-kliem "Il-hajt ejja aqlaw meta jkun ghaw ahna a lieb u indannat". Nispjega li jien ma qlajt l-ebda hajt, izda lqatt parti minnu jien u nipprova nidhol bl-excavator. Qed nannetti diversi ritratti li juru l-hajt kif kien originarjament (Dok ST3 u ST4) u kif twessa' wara li sar ix-xoghol illegali minn Vella (Dok ST5, ST6 u ST7).'

Rat is-site plan a fol. 32 tal-process, id-dettalji tal-applikazzjoni ta' zvilupp imsemmija fl-affidavit u r-ritratti a fol. 37 et seq tal-proceess li juru l-passagg in kwistjoni kif kien qabel ix-xoghlijiet u kif gie wara li sar ic-cint imsemmi mir-rikorrent.

Rat ir-rapport li sar mal-pulizija li jgib id-data tat-3 ta' Marzu, 2020 izda jirreferi ghal-allegat incident li sehh bejn l-1 ta' Awwissu, 2019 u l-15 ta' A wwissu, 2019 a fol. 55 et seq tal-process. Dan ir-rapport sar mir-rikorrent Stpehen Tonna u fih jissemma kif ir-rikorrent kien beda jsib ammont ta' hmieg mitfugh fl-ghalqa tieghu u kellu suspett fl-intimat.

Rat rapport iehor li sar mal-pulizija din id-darba mill-intimat fil-konfront tar-rikorrent (fol. 58 et seq tal-process) li jirreferi ghal allegat incident li sehh nhar it-12 ta' Lulju, 2019 fejn l-intimat irraporta li sab parti mill-hajt tal-gebel ta' gholi zewg filati maqlugh, li kien rega' bnieh mill-gdid u li kellu suspett fir-rikorrent.

Rat illi r-rikorrent **Stephen Tonna xehed ulterjorment a fol. 60 et seq** tal-process. Huwa jghid li fil-15 ta' Gunju, 2019 huwa dahal mill-passagg bil-mixi. Ix-xoghlijiet li kienu qed isiru mill-intimat kienu jikkonsistu fi trinka u eventwalment sar tibdil fic-cint li kien jezisti fil-kantuniera ghaliex ic-cint hareg aktar il-barra milli kien. Jghid li hareg aktar il-barra ghaliex x'hin mar biex jidhol bl-ingenji gibed bicca minnu ghaliex wehel ma' travu tal-hadid imwahhal mal-art u jghid li hemm ukoll xi gebel. Jixhed li fil-prezent ma jistax jaccedi ghall-ghalqa bl-ingenji ghaliex ma jiksirx. Izid li

hemm it-travu tal-hadid imhawwel gol-art u biex jikser ma ttihx. Jispjega li c-cint qieghed fil-passagg komuni u li hemm ic-cint imbaghad hemm it-travu imhawwel bicca minnu gol-art. Il-kantuniera tac-cint hija maghmula mit-travu u hu ma jistax jikser ghal gol-isqaq bl-ingenji.

Rat **ix-xhieda tal-intimat Carmelo Vella a fol. 76 et seq tal-process** kif ukoll ir-ritratti esebiti minnu waqt l-istess xhieda a fol. 74 u 75 tal-process mmarkat CV 1 sa CV 4. Dwar l-isqaq huwa jghid li huwa proprjeta' tieghu u li r-rikorrent ghandu dritt jghaddi minnu skont il-qisien tal-kuntratt. Dwar x'ghamel bil-hajt in kontestazzjoni jixhed kif isegwi:

'Issa dan il-planter ilna bi kwistjoni fuqu xi hdax-il sena. Jigifieri kellna kawza civili u rbahtha ghax kien jaqlahuli kull darba, z-zewg filati hajt u rbaht il-kawza civili u l-Qorti gieghlitu li jerga' jaghmlu hu mill-gdid, hajt ta' zewg filati bil-qisien li suppost u waqt li ghamilna x-xoghlijiet, il-hajt li kien hemm, qlajna biex irrangajna ha nghaddu bil-cable, il-bicca ta' gewwa, kantuniera kien dejjem jimbuttaha bit-tyres dan. Biex jidhol jolqothom biex iwessa' u jwessa' u jiena ghamilt il-hajt kif suppost u ergajt sibtu maqlugh u mbaghad ghamilha hadida wieqfa ta' xi erba' piedi gholi imma tliet piedi gol-hajt u kemm kemm tidher mal-kantun biex ma joqghodx iressqu, dik hi.'

Huwa jkompli jixhed li dawn ix-xoghlijiet saru fid-29 ta' April, 2019 u kienu lesti ghall-habta tat-23 ta' Mejju, 2019. Jesebixxi r-ritratti CV 1 u CV 4 u jghid li l-vlegga tindika fejn hemm il-hadida. Jghid li r-ritratti hadhom it-tifel tieghu Christpher Vella nhar it-23 ta' Mejju, 2019. Jixhed ukoll li kien ha ritratt bil-mobajl tieghu nhar is-7 ta' Mejju, 2019 u li dan juri x-xoghol lest u wera dan ir-ritratt fuq il-mobajl tieghu stess lil din il-Qorti kif preseduta. Il-Qorti rat id-data fuq il-mobajl kienet tindika s-7 ta' Mejju, 2019 u kienet tindika lok bhala n-Naxxar. Waqt dik ix-xhieda l-intimat obbliga ruhu li jesebixxi kopja tar-ritratt muri lill-Qorti minn fuq

il-mobajl. Izid illi f'Gunju, 2019 ix-xoghol kien lest. Fix-xhieda tieghu a fol. 81 tal-process jixhed li t-trinek kienu lesti fis-7 ta' Mejju, 2019 u x-xoghol kollu kien lest fit-23 ta' Mejju, 2019.

Il-Qorti rat li l-intimat rega' xehed a fol. 95 tal-process filwaqt li esebixxa zewg ritratti CAV 1 u CAV 2. Huwa jghid li CAV 1 ittiehed nhar is-7 ta' Mejju, 2019 u jispjega li juri t-trinka miftuha biex ghaddew il-*cable* tad-dawl minnha. Dwar ir-ritratt CAV 2 jghid li dan ittiehed fit-23 ta' Mejju, 2019 u li dan juri t-trinka maghluqa. Izid li dawn ir-ritratti ttiehdu bil-mobajl tieghu u li x-xoghlijiet spiccaw fit-23 ta' Mejju, 2019.

Rat li waqt din ix-xhieda din il-Qorti kif preseduta talbet il-mobajl lill-intimat sabiex hi stess tkun tista' tivverifika d-dati tar-ritratti kif isostnihom l-intimat u rat li ghal dak li hu CAV 1 ir-ritratt fuq il-mobajl jindika d-data tas-7 ta' Mejju, 2019 fil-11.03 mehud fin-Naxxar u rat illi r-ritratt CAV 2 fuq il-mobajl deher li ttiehed in-Naxxar, nhar it-23 ta' Mejju, 2019 fil-hin 16.42.

Rat ix-**xhieda ta' Joseph Tonna a fol. 88 et seq tal-process** li jixhed li huwa mizzewweg lit-tifla tal-intimat u jigi wkoll hu r-rikorrent. Jghid li x-xoghol tas-*sub-station* tal-intimat ghamlu hu fejn jispjega li ghamel it-trinek tal-*cables* tad-dawl. Jkompli jixhed li t-trinka tqattet lejn l-ahhar ta' April, 2019 u x-xoghol baqa' ghaddej sad-8 ta' Mejju, 2019 ghaliex jiftakar li kellu l-birthday. Skont dan ix-xhud ix-xoghlijiet tlestew lejn l-ahhar ta' Mejju. Jghid li ha ritratti tax-xoghol lest izda ma jiprezentax kopja waqt ix-xhieda tieghu ghalkemm juri lill-Qorti ritratt fuq il-mobajl tieghu li jgib id-data tat-23 ta' Mejju,2019 16.43 fejn jghid li jidher il-hajt lest u l-pal tal-bajtar mhawwel. Il-Qorti rat li dan ir-ritratt gie esebit a fol. 92 tal-process permezz ta' nota.

**Joseph Tonna xehed in kontro-ezami a fol. 99 et seq t**al-process fejn jikkonferma li x-xoghol tat-trinka u s-*sub-station* kien qed jaghmlu hu flimkien mal-intimat Carmelo Vella. Jghid li x-xoghol

hadilhom madwar xahar biex ghamluh u ghall-25 ta' Mejju, 2019 x-xoghol kien lest. Jaqbel li bhala xoghol, apparti t-trinka, ghamlu wkoll cint li gia kien hemm, kien zlugat u rrangawh huma. Biex ghamlu t-trinka ic-cint kienu nehhewh. Jichad li meta rega' nbena c-cint dan inbena aktar il-barra minn kif kien qabel. Jghid li ma kienx hemm perit jew *surveyor* izda mxew mal-pjanta. Jaqbel li apparti gebel fic-cint iddahhal travu. Sabiex iddahhal it-travu haffer hu flimkien mal-intimat. B'referenza ghar-ritratt esebit minnu a fol. 92 tal-process jghid li f'dak ir-ritratt ix-xoghol kien diga tlesta. Ma jiftakarx min ha l-istess ritratt. Juri u jimmarka fuq ir-ritratt fejn skont hu jinsab it-travu. Fuq suggeriment tal-kontro-parti li wara li ttiehed dak ir-ritratt it-travu resaq aktar il-barra jghid li le u li ghadu l-istess. Jinsisti li fir-ritratt a fol. 92 ix-xoghol kien lest. Mistoqsi direttament jekk ix-xoghol tlestiex nhar il-15 ta' Gunju, 2019 u li sa dakinhar ir-rikorrent seta' jghaddi komodament bil-karozza, jghid li le.

Rat ix-**xhieda in kontro-ezami tal-intimat Carmelo Vella a fol. 106 et seq** tal-process. Huwa jghid li sabiex saret it-trinka l-hajt in kontestazzjoni ma kellux ghalfejn jinhatt kollu. Jixhed li dik il-parti in kontestazzjoni tal-hajt trangat mhux inhattet. Jghid li missew it-tieni filata ghaliex ir-rikorrent kien qeleb it-tieni filata. Jghid li l-hajt inqeleb lejn l-ahhar ta' April, 2019 mir-rikorrent u jinsisti li x-xoghol kien lest nhar it-23 ta'Mejju, 2019. Izid li r-rikorrent kien dejjem, kull meta jidhol, jimbotta l-hajt bir-rota tal-gaffa biex iwessa u ilhom sejrin hekk mal-erbatax-il sena. Jichad li caqalqu l-hajt il-barra meta ghamlu x-xoghlijiet. Jerga' jixhed li l-hajt kien lest sat-23 ta' Mejju, 2019. Jikkonferma li fil-kantuniera tal-hajt saret hadida sabiex ir-rikorrent ma jibqax kull darba jcaqlaq il-gebel tal-hajt. Jixhed li l-hadida tpoggiet fil-hajt bejn l-20 ta' April, 2019 ut-23 ta' Mejju, 2019 u poggewha hu u Joseph Tonna. Jghid li wara dik il-gurnata m'ghamlux aktar xoghol fuq il-hajt sakemm applikaw mal-Awtorita'tal-Ippjanar sabiex il-hajt itellawh tmien filati u llum il-hajt tela' tmien filati. Jispecifika li issa telghu

tmien filati u mkahhlin u jichad li fit-23 ta' Mejju, 2019 il-hajt kif sar dak iz-zmien ma kienx lest.

**Infra Bimestre Deduxisse:**

Illi kif gia suespost, l-eccezzjoni principali tal-intimati hija li l-kaz odjern gie ntavolat oltre t-terminu tax-xahrejn mix-xoghlijiet in kwistjoni w'ghalhekk ghandu jigi michud.

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodicci ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skond l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u li dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

Illi dwar it-terminu ta' xaharejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi** deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xaharejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat millantar. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul

Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament **f'Georgina Borg v. Errol Cassar et** (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

Illi fil-mertu ta' din l-eccezzjoni, l-Qorti rat li r-rikorrent bhala prova da parti tieghu dwar meta suppost saru x-xoghlijiet li permezz taghhom allegatament il-passagg djieq, ressaq biss l-affidavit tieghu u r-rikors guramentat fejn isostni li fil-15 ta' Gunju, 2019 huwa ghadda mill-passagg in kwistjoni bir-rigel u ma ra xejn differenti izda zmien wara mar biex jghaddi bl-ingenji u sab li l-passagg kien djieq u ma setax jghaddi. Jghid li meta prova jghaddi bl-ingenji gibed mieghu parti mic-cint tant li l-intimat ghamillu rapport mal-pulizija li gie esebit a fol. 58 tal-process. Minn dan ir-rapport jirrizulta li Carmelo Vella rraporta li nhar il-11 ta' Lulju, 2019 sab xi gebel mill-hajt imwaqqa' u li kien rega' bena l-istess mill-ewwel. Ir-rikorrent esebixxa wkoll ritratti a fol. 37 u 38 tal-process li skont hu juru c-cint kif kien qabel saru x-xoghlijiet. Ghalkemm ir-rikorrent ma jaghtix id-dati meta dawn ir-ritratti ttiehdu, mill-vegetazzjoni li tidher tikber f'dawn ir-ritratti

huwa car li dawn ittiehdu fix-xhur tax-xitwa u certament mhux fix-xahar ta' Gunju meta l-art tkun niexfa. Ir-ritratti a fol. 40 u 41 li jidhru li ttiehdu wara li x-xoghol kien lest ukoll ma giex indikat meta dawn ittiehdu ghalhekk xejn ma jghinu sabiex isahhu l-versjoni tar-rikorrent li x-xoghol kien ghadu ma sarx fil-15 ta' Gunju, 2019 anzi pjuttost jidher li dawn ir-ritratti ttiehdu hafna zmien wara l-allegat spoll meta l-istagun ma kienx dak tas-Sajf.

Illi dwar dan l-element, da parti tieghu, l-intimat dejjem sostna li x-xoghlijiet saru bejn l-ahhar ta' April, 2019 u t-23 ta' Mejju, 2019 meta dawn kienu effettivament lesti. In sostenn ta' dan huwa prezenta ritratti li ttiehdu bil-mobajl li huma datati 23 ta' Mejju 2019 liema ritratti juru x-xoghol tac-cint lest bil-hadid inserit ukoll fic-cint in kwistjoni. Waqt is-smiegh tax-xhieda din il-Qorti kif preseduta giet murija l-mobajl tal-intimat u minn fuqu setghet tivverifika l-veracita' tad-dati tar-ritratti esebiti a fol. 84 tal-process.

Illi apparti x-xhieda tal-intimat, xehed ukoll Joseph Tonna li wkoll insista u xehed diversi drabi li x-xoghol kien lest nhar it-23 ta' Mejju 2019. Ikkonferma wkoll li r-ritratti esebiti fl-atti ittiehdu dakinhar stess tat-23 ta' Mejju, 2019 meta kien lest ix-xoghol.

Illi l-Qorti tqis li fl-atti gie sufficjentement ippruvat mill-intimat li x-xoghlijiet fuq ic-cint li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent kienu lesti nhar it-23 ta' Mejju, 2019. Ghalhekk jirrizulta li sabiex il-kawza ta' spoll odjerna tirnexxi da parti tar-rikorrent din kellha tigi ntavolata sa massimu ta'xahrejn minn din id-data. Il-kawza odjerna giet ntavolata nhar id-9 ta' Awwissu, 2019 ghalhekk oltre t-terminu tax-xahrejn imposti mill-ligi b'dana li l-kawza odjerna ma tistax tirnexxi.

Il-Qorti, ghaldaqstant, stante li r-rikorrent ma rnexxilux jissodisfa l-element tal-*infra bimestre deduxisse* m'ghandhiex alternattiva ghajr li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-Qorti tghaddi sabiex taqta'  u tiddeciedi l-kawza odjerna billi, tiddikjara w'tiddeciedi  li l-kawza odjerna giet prezentata oltre t-terminu tax-xahrejn imposti mil-ligi w'ghalhekk tghaddi  sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Marzu 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Marzu 2024**